MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2003

Ċitazzjoni Numru. 1070/2003

Frank u Ruth konjugi Xerri
vs
Antonio Agius Limited [C22928]

Il-Qorti,

**CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni attrici li biha ppremettew illi permezz ta' ftehim datat 14 ta' Marzu 2000 (kopja annessa mac-citazzjoni u mmarkata bhala Dok IJS1), l-attur Frank Xerri ftiehem li jbiegh l-interess tieghu fil-Kumpanija Agri Investments Limited lil Alfred Azzopardi;

Peress illi a tenur tal-klawzola numru 8 ta' l-istess ftehim, il-konvenut Alfred Azzopardi intrabat li sa l-14 ta' Marzu 2002, jillibera l-garanzija personali li l-attur Frank Xerri kien qieghed jaghmel favur il-Bank HSBC (Malta) p.l.c. ghal dejn li kellha l-kumpanija konvenuta Antoine Agius Limited;

Peress illi permezz ta' ftehim datat 19 ta' Gunju 2000 redatt quddiem in-Nutar Marco Burlo`, (kopja annessa mac-citazzjoni u mmarkata bhala Dok IJS2), l-atturi u Alfred u Hilda konjugi Azzopardi filwaqt li irratifikaw il-ftehim ta' l-14 ta' Marzu 2000, l-istess konvenuti Azzopardi ntrabtu li jiddennizzaw lill-atturi kontra kull dannu li l-istess atturi setghu jsofru b'effett tan-nuqqas tal-kumpanija konvenuta Antoine Agius Limited li thallas lura s-self (jew parti minnu) li l-istess Kumpanija kellha ma' l-HSBC Bank (Malta) p.l.c., inkluz l-imghaxijiet relattivi;

Peress illi fis-6 ta' Ottubru, u wara bosta komunikazzjonijiet mal-kumpanija konvenuta l-HSBC Bank (Malta) p.l.c. zbanka l-garanzija li l-atturi kellhom ghall-bilanc tad-dejn tal-Kumpanija konvenuta fl-ammont ta' tlettax-il elf hames mija u tlettax-il Liri Maltin u erbghin centezmu (Lm13513.40), u dan stante li l-istess kumpanija konvenuta waqghet lura fil-pagamenti u ma hallsitx il-bilanc tad-dejn dovut (kopja tan-notifika giet annessa mac-citazzjoni u mmarkata bhala Dok IJS3);

Peress illi minhabba n-nuqqas tal-Kumpanija konvenuta li thallas il-bilanc tad-dejn dovut minnha lill-HSBC Bank (Malta) p.l.c., il-garanzija personali li kellhom l-atturi favur l-istess bank giet zbankata, u b'hekk l-istess dejn thallas mill-atturi minflok mill-kumpanija konvenuta debitrici;

Peress illi in vista tas-suespost, il-Kumpanija konvenuta hija debitrici ta' l-atturi fl-ammont ta' tlettax il-elf hames mija u tlettax-il liri Maltin u erbghin centezmu (Lm13513.40);

Peress illi d-debitu huwa cert, likwidu u dovut;

Peress illi l-konvenuti m' ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu in kontro-trattazzjoni tat-talbiet attrici u ghalhekk jippersistu c-cirkostanzi kontemplati fl-Artikolu 167-170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

L-atturi talbu lill-Qorti:

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh kif provdut fl-artikoli 167-170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Tikkundanna lill-kumpanija konvenuta li thallas lill-atturi s-somma ta’ tlettax-il elf hames mija u tlettax-il Liri Maltin u erbghin centezmu (Lm13513.40);

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju kif ukoll bl-imghax kontra l-kumpanija konvenuta li giet ingunta in subizzjoni.

Rat in-nota tas-socjeta` konvenuta li biha ammettiet t-talba kif dedotta fic-citazzjoni.

Billi mill-ammissjoni tas-socjeta` konvenuta, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fuq ammissjoni tas-socjeta` konvenuta tiddeciedi billi tilqa’ t-talba ta’ l-atturi kif dedotta fic-citazzjoni, u ghalhekk tikkundanna lill-kumpanija konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta’ tlettax-il elf hames mija u tlettax-il Liri Maltin u erbghin centezmu (Lm13513.40)

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------